**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR43/VIII/2023**

**Il-Erbgħa, 3 ta' Mejju 2023.**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 3 ta' Mejju 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili– Kunsillier

Skużata:
Is-Sinjorina Maria Portelli - Kunsillier

Uffiċjal Preżenti
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**43.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**43.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Portelli.

**43.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

43.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 42 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

43.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

43.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**43.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

43.4.1 fit-18 t'April, 2023 saret iż-żjara minn rappreżentanti tal-Comune di Nichelino fejn magħhom kien hemm l-għaqda tal-fotografija Nichelinese u anke' studenti li qed jitgħallmu l-Ingliż. Il-Kunsill laqagħhom fil-bini amministrattiv tiegħu dakinhar wara nofsinhar. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex iżur Nichelino f'Ottubru li ġej u s-Sindku ssuġġerixxa li jipparteċipaw residenti Rabtin. Il-membri qablu. Qablu wkoll li jsir sotto-kumitat għal dan il-għan. Membri f'dan is-sotto-kumitat għandhom ikunu Alvin Scicluna u l-eks Sindku Paul Galea li kien ħa l-inizjattiva biex dan il-ġemellaġġ irnexxa. Is-Sindku tenna li ser issir esibizzjoni f'Nichelino ta' ritratti li ttieħdu hawn. Ser isir ukoll qbil fejn studenti minn Nichelino jagħmlu skambji ma studenti mis-6th Form t'Għawdex;

43.4.2 inbeda ż-żbir tas-siġar ta' Pjazza Indipendenza u ta' Triq Vajrinġa. Għarraf lill-membri li kien hemm ilment li tressaq mill-Gozo Tourism Authority (GTA) f'isem stabbilimenti ta' Pjazza Indipendenza. L-ilment kien li ż-żbir kien ser jibda kmieni meta jkun għad hemm it-turisti fuq l-imwejjed. Il-GTA ġiet infurmata li dan hu l-ħin li fih hu permess li jsir iż-żbir minħabba l-għasafar;

43.4.3 minn naħa tal-Gvern Ċentrali, bħalissa qed isir *culvert* minn Pjazza Savina biex jitqabbad ma *culvert* fi Triq Kerċem. Triq Mons. Luigi Vella tqattet it-trinka biex jgħaddi dan il-*culvert*. Is-Sindku qal li peress li din it-triq hi dejqa, il-Kunsill għandu jitlob sabiex wara li jitlesta l-*culvert*, jingħata t-tarmac lit-triq kollha u mhux fuq il-*culvert* biss. Il-membri qablu li għandha ssir din it-talba;

43.4.4 hemm bżonn li jsir arblu tad-dawl fi Triq Fortunato Mizzi kantuniera ma' Pjazza J.F. Kennedy. Il-membri qablu li dan jintalab lill-Gvern Ċentrali peress li din hi arteja prinċipali;

43.4.5 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali approvat €10,000 li jkopru l-fond t'Aġġustament għas-Sena 2023.

**43.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward:-

43.5.1 Ċirkulari 10/2023 – Każijiet tal-Ombudsman u ħatra ta' *Focal Persons;*

43.5.2 Ċirkulari 7/2023 – Fondi Ewropej: Linji gwida lill-Kunsilli Reġjonali u Lokali dwar talbiet għal assistenza li jikkonċernaw proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropeja u Fondi Internazzjonali oħra;

43.5.3 Ċirkulari rigward Inizjattiva biex fir-Rebbiegħa ma jsirx qtugħ ta' ħaxix selvaġġ;

43.5.4 'National Supporting Business Awards' – Stedina lill-Kunsilli Lokali u Reġjonali sabiex jipparteċipaw;

43.5.5 Tnedija tal-Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali – 8 ta' Mejju, 2023. Ser jattendi s-Sindku.

Tressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward:-

43.5.6 Cir AKL 2023/026 – ‘European Cities Against Drugs ECAD – Mayors’ and Stakeholders’ Conference;

43.5.7 Cir AKL 2023/031 – Tnedija tad-dokument ‘Parking Management Sustainble Mobility’;

43.5.8 Cir AKL 2023/034 – ‘PV - Battery Project’;

43.5.9 Cir AKL 2023/027 - ‘European Bench for Local Councils’. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika għal bank ta’ Pjazza Savina.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

43.5.10 sid ta’ stabbiliment tal-ikel fi Pjazza Indipendenza. Dan ilmenta fir-rigward tal-ħinijiet li jiġu addottati sabiex isir l-armar tal-palk, dawl u *sound* meta jkun hemm attivitajiet fil-pjazza;

43.5.11 *Allegra accordion group* fejn taw dettalji rigward is-servizz li joffru;

**43.6 Restawr ta’ San Ġorġ tal-Ħaġar –** ***update***

43.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li r-restawr tlesta. Il-kuntrattur għandu jħejji il-kont sabiex jiġi ċċertifkat mill-Perit u wara jinġabbru l-fondi mill-iskema ta’ EkoGħawdex.

**43.7** ***Upgrade tal-Playing Field*** **– Triq taħt Putirjal**

43.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li nhar it-Tnejn, 8 ta’ Mejju, 2023, ser issir laqgħa ma rappreżentanti ta’ ‘Development Planning Fund’ (DPF) fi ħdan l-Awtorita’ tal-Ippjanar sabiex jiġi spjegat il-proġett ta’ tisbieħ, biex finalment jiġu akkwistat il-finanzjament minn dan il-fond.

**43.8 Proġett Pjazza Santu Wistin**

43.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Perit għandu jħejji l-BOQ u din titressaq quddiem il-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġi diskuss il-finanzjament ta’ dan il-proġett.

**43.9 Jum il-Belt Victoria**

43.9.1 L-attivitajiet huma dawn:-

- is-Sibt 27 ta’ Mejju - Leone Goes Pop,
- is-Sibt 3 ta’ Ġunju - RockAstra,
- is-Sibt, 10 ta’Ġunju – Għoti tal-Onorifiċenza - Ġieħ il-Belt Victoria u
- il-Ħadd, 11 a’ Ġunju - il-*musical* ‘Vicky tal-Belt Victoria’, fl-Oratorju Don Bosco.

43.9.2 Din is-sena l-għoti tal-Onorifiċenza, Ġieħ il-Belt Victoria tingħata lill-Frank Masini u Nathaniel Attard, żewġ kunsilliera li servew fl-ewwel Kunsill.

43.9.3 L-attivita’ ta’ l-10 ta’ Ġunju ssir fi Pjazza Indipendenza, jipparteċipaw il-‘Brass Tubes band’ u l-preżentatur ikun in-Nutar Paul George Pisani.

43.9.4 Il-membri qablu li fl-okkażjoni ta’ Jum il-Belt Victoria għandu jitqassam ktieb lill-i*scouts* tal-Victoria Scout Group.

43.9.5 Rigward l-irħama ta’ Pjazza Savina tal-vittmi tal-gwerra, li ser tinbidel biex jiżdiedu l-ismijiet, il-membri qablu li din tibqa bl-istess data u l-isem tas-Sindku li kien inawguraha, li kien is-Sur Paul M. Cassar. Il-membri qablu wkoll li allura mhux lok li jsir kxif ta’din il-lapida.

43.9. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni fir-rigward tal-għoti ta' Ġieħ ir-Rabat lil kull min ikun membru fil-Kunsill. Hu qal li mhux ġust li min ilu jservi l-Kunsill mill-bidu tiegħu jiġi meqjus bħal min serva l-Kunsill leġislatura waħda jew inqas. Hu jaqbel li l-Ġieħ jingħta lill-membri li servew fl-ewwel Kunsill pero' qal li dan il-Ġieħ imbagħad għandu jingħata biss lill-kunsilliera li servew żewġ leġislaturi sħaħ. Il-membri qablu li din il-materja tiġi deċiża wara li titressaq mozzjoni.

43.9.6 Tressqet korrispondenza mingħand Jonathan Cefai fejn irrakkomanda lill-Kavallier Joe M. Attard u lill-awtur Joe Camilleri sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jagħtihom Ġieħ il-Belt Victoria. Il-membri qablu li dan is-suġġeriment jiġi diskuss aktar il-quddiem.

**43.10 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

43.10.1 il-bdil ta' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' li kien personalizzat, għal wieħed komunali. Dan quddiem 59 fi Triq Pompei;

43.10.2 il-*parking bay* proposta 'l isfel minn 82, Triq Santa Marija;

43.10.3 tabelli 'No idling' għal qrib is-Seminarju Minuri fi Triq Enriko Mizzi u qrib l-iskola sekondarja fi Triq l-Ewropa.

43.10.4 TM m'approvatx parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 'Marisa', Triq ta' Wara s-Sur, peress li għandhom żewġ garaxxijiet.

43.10.56 TM bagħtet talba għall-perkeġġ għal-persuni b'diżabilita' quddiem 78, Triq Palma. Għandha timtela l-formola annessa mal-applikazzjoni. Waqt li tressqet din l-applikazzjoni, il-membru Tabone ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress.

43.10.6 Il-Kunsill talab lill-TM sabiex isir *double yellow line* quddiem grada, quddiem 42, Triq l-Imgħallem. Din ġiet suġġeritha minn Pulizija fil-*mobile section*.

43.10.7 Mill-'*Active Ageing and Community Care*' li qed joperaw minn 39 fi Triq Repubblika, intalbu żewġ parkeġġi riservati qrib din il-binja. Il-Kunsill talab il-permess ta' TM.

43.10.8 Mill-'*Animal Welfare*' intalab sabiex isiru tabelli li jindikaw li fi Triq Żejta jkun hemm il-papri. Dan biex jiġu evitati li jittajru dawn l-annimali minn vetturi li jkunu għaddejin fit-triq. Ser jintalab il-permess ta' TM. Intalab ukoll biex isiru *road humps* fl-*area*. Il-Kunsill ser jikkunsidra din it-talba.

43.10.9 Sid il-ħanut 'House of Parties' fi Triq Karlu Galea talab li ssir rampa mal-bankina quddiem il-ħanut tiegħu sabiex ikun aċċessibli u quddiem ir-rampa jsiru sinjali sofor. Il-membri qablu u ser jintalab il-permess ta' TM.

**43.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

43.11.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2023 skond dokument A anness.

**43.12 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

43.12. issir bankina quddiem 8, Triq Santa Marija. Il-kurduna diġa' lesta fil-post;

43.12. jinxtara ktieb ‘Mill-Ġrajja għall-Ballata’, tal-awtur Charles Bezzina;

43.12. li tiġi mislufa s-sala tal-konferenzi biex issir konferenza tal-Koalizzjoni ‘Għal Għawdex’;

43.12. f’Ottubru 2023 jiġi organizzat il-kunċert ‘Ewfonija’ u m’għandiex tinqabeż is-somma ta’ €200 fi spejjeż;

**43.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7:30 ta’ filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar ’il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tlieta, 20 ta’ Ġunju 2023.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv